# QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)
# ĠURISDIZZJONI SUPERJURI
# SEZZJONI ĠENERALI

## MAĠISTRAT DOTTOR BRIGITTE SULTANA LL.D., LL.M. (CARDIFF), ADV. TRIB. ECCL. MELIT.

**Illum, il-Ġimgħa, 6 ta' Diċembru 2024**

**Rikors Ġuramentat numru: 40/2022 BS**

**Carmelo Cauchi, Leonarda Cauchi,**
**Miriam mart Francis Pisani, Lawrence Cauchi,**
**Anthony Cauchi u Raymond Cauchi**

**-vs-**

**Rita Debono**

***Decizjoni In Parte***

**Il-Qorti;**

**A. Preliminari:**

**Rat ir-rikors ġuramentat tal-atturi[1] illi ppremettew:**

*"Illi permezz ta' rikors guramentat intavolat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri Gurisdizzjoni Generali fl-ismijiet "Rita Debono vs Joseph Cauchi" Rikors Guramentat Numru 103/2006, il-konvenuta wara li ppremettiet illi:*

[1] Rik. Gur. a fol 1 sa 12.

1. *Illi permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Ino Mario Grech datat sittax (16) ta' Frar elf disa' mija sitta u disghin (1996), 1-esponenti flimkien mal-konvenut akkwistat b' titolu ta' enfitewsi perpetwa minghand l-awtorita' tad-Djar il-plot numru hamsa u ghoxrin (25) f'San Lawrenz, Ghawdex tal-kejl ta' cirka mija erbgha u sebghin punt hamsa u ghoxrin metri kwadri (174.25 m.k.), liema plot illum tinsab fi Triq Dun Salv Portelli, San Lawrenz, Ghawdex;*

2. *Illi dan il-kuntratt sussegwentament gie kkoregut permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Michael Refalo minhabba zball li kien hemm fil-kunjom tal-partijiet;*

3. *Illi l-esponenti ma tridx tibqa' aktar fi stat ta' komunjoni fir-rigward ta' din il-proprjeta' u minkejja li hija interpellat lill-konvenut diversi drabi sabiex jersaq ghal divizjoni bonarja ta' l-imsemmija proprjeta' huwa baqa' inadempjenti;*

4. *Illi oltre' dan l-esponenti matul ir-relazzjoni ta' l-gherusija li hija kellha mal-konvenut, kienet ikonsenjatlu s-somma ta' sittax-il elf lira maltin (Lm16,000), f'diversi ammonti, liema somma l-konvenut qieghed ukoll jirrifjuta li jirrestitwixxi lura lill-esponenti;*

5. *Illi l-konvenut gie interpellat diversi drabi sabiex jersaq ghad-divizjoni bonarja tal-proprjeta' bin-numru hamsa u ghoxrin (25) Triq Salv Portelli, San Lawrenz, Ghawdex kif ukoll sabiex jirestitwixxi s-somma kkonsenjata lilu mill-esponenti, inkluzi ittri bonarji spediti fl-14 ta' Lulju 2004 u fid-19 ta' Mejju 2006, ittri ufficcjali spediti f' Awwissu 2004 u f'Mejju 2006, il-konvenut baqa' dejjem inadempjenti;*

6. *Illi l-esponenti taf dawn il-fatti hawn fuq elenkati personalment.*

*Talbet lill-konvenut jghid ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti:*

i. *Tordna d-divizjoni tal-fond bin-numru hamsa u ghoxrin (25) fi Triq Salv Portelli, fi kwoti indaqs bejn l-esponenti u l-konvenut, u kemm il-darba jirrizulta li dan il-fond ma hux divizibbli, tordna l-bejgh ta' l-istess fond b'licitazzjoni sabiex ir-rikavat jigi ppercepit ugwalment bejn il-kontendenti;*

ii. *Tahtar Nutar Pubbliku sabiex jippubblika l-att opportun ta' divizjoni f' dik id-data, hin u lok li jigu ffissati minn din l-Onorabbli Qorti, bl-intervent ta' kuraturi li jinhatru sabiex jirrapprezentaw lill-eventwali kontumaci;*

iii. *Tordna lill-intimat sabiex jirrestitwixxi lura s-somma ta' sittax-il elf lira maltin (LM16,000) ikkonsenjati mill-esponenti lill-intimat, oltre' l-imghax dovut fuq l-istess ammont.*

*Bl-ispejjes inkluzi dawk ta' l-ittri bonarji spediti fl-14 ta' Lulju 2004 u fid-19 ta' Mejju 2006, u ta' l-ittri ufficcjali spediti f' Awwissu 2004 u f' Mejju 2006, oltre' l-ispejjes tal-Mandat ta' Inibizzjoni Numru 27/06 fl-ismijiet "Cauchi Joseph vs Rita Tabone" liema mandat gie michud minn din l-Onorabbli Qorti.*

*Il-konvenut huwa mharrek ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa qed jigi ngunt.*

*Il-konvenut f' dik il-kawza eccepixxa illi:*

1. *Illi ghall-ewwel zewg talbiet hemm ta' ostakolu l-iskrittura ta' transazzjoni tat-2 ta' Gunju 2003 liema skrittura tikkontempla, fost affarijiet ohra li l-istess attrici tiddikjara li hija ma tivvanta ebda drittijiet ta' xi xorta jew natura fuq il-fond 'de quo' billi d-dar in kwistjoni giet eretta unikament a spejjes tal-istess konvenut. L-istess attrici obbligat ruhha wkoll, li mhux aktar tard minn xahar minn meta jinghata l-permess mill-Awtorita' tad-Djar tersaq ghall-att pubbliku relattiv li permezz tieghu hija tassenja u tittrasferixxi lill-konvenut in-nofs indiviz ukoll dritt iehor ta' kwalsiasi xorta li jista' jkollha fuq l-imsemmija dar. Din l-iskrittura ghadha ma gietx ezegwita pendenti l-permessi mehtiega mill-awtorita tad-Djar, anzi ghadha vigenti u jonqos biss li tigi inkorporata f' att pubbliku, kif ikkuntemplat fl-istess skrittura.*

2. *Illi ta' ostakolu ghat-tielet talba, hemm ukoll l-imsemmija skrittura tat-2 ta' Gunju 2003, li fil-paragrafu taghha tikkontempla r-restituzzjoni tas-somma ta' sittax-il elf lira maltin (LM16,000) mil-konvenut lill-attrici izda kontestwalment mat-trasferiment tan-nofs indiviz tal-fond fuq imsemmi. Ghalhekk it-tielet talba tal-attrici hija intempestiva u ma tistax tigi akkolta.*

3. *Illi ghalkemm saret l-imsemmija skrittura bejn il-kontendenti, li suppost solviet il-kwistjonijiet li kien hemm bejniethom u l-iskuzi sabiex ma tigix esegwita t-transazzjoni. Fost dawn, ta' min isemmi l-fatt li l-istess attrici rrifjutat li tiffirma, meta giet hekk mitluba mill-Awtorita' tad-Djar il-kunsens taghha sabiex l-istess Awtorita' tkun tista' tohorg ir-rilaxxa sabiex*

*ikun jista' jsir l-att pubbliku kkuntemplat fl-imsemmija skrittura. Ghalhekk sal-lum l-Awtorita' tad-Djar ghadha ma hargitx ir-rilaxx sabiex ikun jista' jsir l-att pubbliku ta' trasferiment tan-nofs indiviz.*

4. *Biex taghti l-kunsens taghha fil-konfront tal-Awtorita' tad-Djar l-attrici bdiet tuza l-arma tar-rikatt u talbet flus aktar minn dak miftiehem. Infatti qalet car u tond lill-istess konvenut li jekk huwa ma kienx sejjer ihallasha s-somma ta' tmintax-il elf u mitejn lira maltin (LM18,200) immedjatament, hija ma kenitx lesta li tinforma kif mitluba millAwtorita' tad-Djar li hija kienet kuntenta li nofs il-fond fuq imsemmi jghaddi a favur tal-konvenut.*

5. *Saru diversi tentattivi sabiex tigi sblukkata s-sitwazzjoni, izda kienet l-istess attrici li ffrustat kwalunkwe possibilita ta' arrangament bl-atteggjament arroganti u rragonevoli taghha.*

6. *Ghaldaqstant it-talbiet attrici ghandhom jigu rigettati bl-ispejjes kontra taghha u bl-ingunzjoni tal-attrici ghas-subizzjoni.*

*Illi l-istess Qorti permezz tas-sentenza taghha tat-28 ta' Gunju 2011 ddecidiet li peress illi l-ftehim imsemmi fl-ewwel zewg eccezzjonijiet tal-konvenut, jonqsu kundizzjoni vitali ta' natura fiskali, sabiex ikun jista' jitqies bhala konvenju validu li tieghu tista' tintalab l-esekuzzjoni, tichad l-istess eccezzjonijiet u thalli l-kawza ghall-kontinwazzjoni.*

*L-ispejjes jibqghu riservati ghas-sentenza finali.*

*Illi l-konvenut f' dik il-kawza hass ruhhu aggravat mis-sentenza ta' dik il-Qorti u interpona umili appell minnha.*

*Illi bis-sentenza taghha tad-19 ta' April 2012 l-Onorabbli Qorti tal-Appell filwaqt li cahdet l-aggravji kollha tal-appellanti qalet hekk dwar l-ahhar aggravju:*

*"15. L-ahhar aggravju tal-konvenut huwa illi n-nuqqas li jinghata l-avviz ma jolqotx 'il-validita' tal-obbligazzjoni izda 'l-esegwibilita' taghha. Li jidher li jrid ighid il-konvenut hu illi, ghax ma nghatax l-avviz lill-Kummissarju, hu ma jistax jitlob li titwettaq il-weghda ta' trasferiment - 'l-esegwibilita' tal-weghda - izda dan ma jfissirx li l-ftehim ma jiswiex."*

*"16. Dan l-argument ma huwiex ghal kollox minghajr meritu. Tassew illi l-artikolu 3(6) tal-Kap 364 ighid illi 'konvenju ta' bejgh jew ta' trasferiment ta' kull proprjeta' immobbli jew ta' kull dritt reali fuqha ma jkunx validu jekk avviz tieghu ma jkunx inghata lill-Kummissarju'. Dak li ma jkunx jiswa, izda, huwa l-ftehim bhala konvenju, i.e. bhala weghda biex parti tittrasferixxi proprjeta' lill-parti l-ohra, izda mhux ghal ghanijiet ohra."*

*"17. Issa fil-kaz tallum il-partijiet ftiehmu mhux biss illi l-attrici tittrasferixxi sehemha mill-art lill-konvenut - weghda li, ghar-ragunijiet migjuba fuq, ma hijiex "valida" – izda wkoll (i) illi l-attrici "ma tivvanta ebda drittijiet ta' xi xorta jew natura" fuq l-art, u (ii) illi l-attrici kellha tithallas is-somma ta' Lm16,000, illum €37,269.07, "kontestwalment" mat-trasferiment, i.e. biss jekk u meta jsir ittrasferiment."*

*"18. Dan ifisser illi, ghalkemm il-konvenut ma jistax igieghel lill-attrici taghmel it-trasferiment favur tieghu, l-attrici min-naha l-ohra ma tistax iggieghel lill-konvenut ihallasha Lm16,000, illum €37,269.97, jekk mhux fl-istess waqt li tittrasferixxi lilu sehemha mill-proprjeta', u lanqas ma tista' titlob il-bejgh tal-art jew tippretendi xi sehem mir-rikavat tal-bejgh ladarba "ma tivvanta ebda drittijiet ta' xi xorta jew natura" fuqha."*

*"19. Mela sewwa jghid il-konvenut fl-ewwel zewg eccezzjonijiet tieghu illi l-kitba tat-2 ta' Gunju 2003 hija "ta' ostakolu" ghat-talbiet tal-attrici. Dan l-aggravju ghalhekk ghandu jintlaqa' u ghandhom jintlaqghu wkoll l-ewwel zewg eccezzjonijiet tal-konvenut."*

*Dik il-Qorti laqghet l-appell, hassret is-sentenza appellata u laqghet l-ewwel zewg eccezzjonijiet tal-konvenut. Tibghat lura lill-ewwel Qorti sabiex din tiddeciedi dwar it-talbiet tal-attrici kompatibilment ma dak deciz illum. L-ispejjes taz-zewg istanzi thallashom l-attrici.*

*Illi sussegwentement permezz tas-sentenza tas-7 ta' Marzu 2014, dina l-Qorti diversament preseduta ddecidiet billi cahdet it-talbiet attrici bl-ispejjes, apparti dawk gia deciz mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha tad-19 ta' April 2012 ikun a karigu tal-attrici wara li ccitat il-bran fuq citat mis-sentenza tal-Qorti tal-Appell tad-19 ta' April 2012.*

*Illi ovvjament il-konvenuta (attrici f'dawk il-proceduri) hassitha aggravata minn dik is-sentenza u interponiet umili appell minnha.*

*Illi fil-mori tal-Appell miet il-konvenut (f'dawk il-proceduri) u l-gudizzju tieghu gie trasfuz f'isem l-atturi odjerni.*

*Illi bis-sentenza taghha tas-27 ta' Settembru 2019 l-Onorabbli Qorti tal-Appell iddecidiet:*

*"15. Li l-kitbiet tat-2 ta' Gunju 2003 ma jiswewx bhala weghda ta' trasferiment ta' immobbli izda jiswew ghal ghanijiet ohra huwa fatt illi jirrizulta mis-sentenza ta' din il-Qorti tad-19 ta' April 2012 li hija 'res iudicata' u ghalhekk ma jistax izjed jigi kontestat. Is-sentenza fil-fatt tghid illi:*

*<Dak li ma jkunx jiswa, izda, huwa l-ftehim bhala konvenju, i.e. bhala weghda biex parti tittrasferixxi proprjeta' lill-parti l-ohra, izda mhux ghal ghanijiet ohra.>*

*"16. L-attrici ghalhekk ma tghidx sew meta tikkritika 'd-decizjoni tal-Qorti fejn ghalkemm taqbel li l-iskrittura hija nulla u invalida u ma ghandhiex effett ta' konvenju stante li ma gietx irregistrata mal-Kummissarju tat-Taxxi Nterni, xorta ddecidiet illi mill-bqija l-iskrittura hija valida u vinkolanti fuq il-partijiet". Kien appuntu dak li qalet din il-Qorti fis-sentenza tad-19 ta' April 2012, u li ghalhekk jorbot lill-partijiet."*

*"17. Ghaldaqstant tibqa' tiswa d-dikjarazzjoni tal-attrici illi ma tivvanta ebda dritt fuq il-proprjeta'. L-attrici titlaq mill-premessa zbaljata illi din id-dikjarazzjoni taghha hija konsegwenza tal-obbligazzjoni taghha li tittrasferixxi favur il-konvenut is-sehem li jidher fuq isimha. Fil-verita' izda dik id-dikjarazzjoni hija l-kawza, mhux l-effett, tal-obbligazzjoni li tittrasferixxi s-sehem tal-proprjeta' lill-konvenut. Dan jixhdu wkoll il-fatt illi ma gie stipulat ebda prezz ghat-trasferiment, u l-attrici stess fir-rikors tal-Appell tghid illi l-causa tal-obbligazzjoni tal-konvenut li jrodd hija r-radd ta' self jew mutwu, "u mhux bhala l-prezz tal-bejgh".*

*"18. Bid-dikjarazzjoni li ma tivvanta ebda dritt fuq il-proprjeta' l-attrici effettivament taghraf u tistqarr illi, ghalkemm tidher bhala xerrejja fuq l-att li bih il-partijiet kienu xtraw l-art, dik kienet biss simulazzjoni ghax ix-xerrej tassew kien il-konvenut wahdu."*

*"19. Lanqas ma jghodd ghall-kaz dak li tghid l-attrici illi trasferiment ta' immobbli jista' jsir biss b'att pubbliku u mhux b'kitba privata kif kienet dik tat-3 ta' Gunju 2003. L-effett tad-dikjarazzjoni tal-attrici f' dik il-kitba ma huwiex li jigu trasferiti drittijiet reali, izda biss gharfien tal-fatt illi ghalkemm l-attrici*

*tidher li ghandha sehem fil-proprjeta' fil-verita' dak is-sehem ma huwiex tassew taghha ghax ma hargitx sehem mill-prezz. Tassew illi quddiem terzi in bona fide l-attrici ghadha tidher bhala komproprjetarja, u tibqa' tidher hekk sakemm ma jsirx l-att pubbliku kontemplat fil-kitba tat-3 ta' Gunju 2003; dan izda jghodd ghar-relazzjoni ma terzi in bona fide u mhux ghar-relazzjoni tal-partijiet inter se".*

*"20. Daqstant iehor ma jghoddux ghall-kaz id-disposizzjonijiet dwar komproprjeta': ladarba, quddiem il-konvenut, l-attrici ma hijiex komproprjetalja, ma ghandhiex il-jedd tal-komproprjetarju li jitlob il-qsim tal-proprjeta' jew il-bejgh b'licitazzjoni."*

*"21, Ghal dawn ir-ragunijiet l-ebda wiehed mill-aggravji tal-appell tal-attrici ma huwa tajjeb, u l-appell ma jistax jintlaqa"'.*

*"22 Il-Qorti ghalhekk tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata."*

*Illi ghalkemm hemm l-gharfien tal-konvenuta li ghalkemm hija ma hargitx sehem fil-proprjeta' fil-verita' dak is-sehem ma huwiex tassew taghha ghax ma hargitx sehem mill-prezz u lanqas ma ghandha dritt titlob id-divizjoni tal-proprjeta' ghaliex mhijiex komproprjetarja. Jinhtieg li jkun hemm pronunzjament tal-Qorti fis-sens li l-proprjeta' bin-numru hamsa u ghoxrin (25) Triq Salv Portelli, San Lawrenz, Ghawdex, tappartjeni kollha kemm hi lill-atturi ad eskluzzjoni tal-konvenuta sabiex l-istess pronunzjament ikollu l-effett tieghu kontra terzi."*

**Talbu għalhekk lill din il-Qorti tiddikjara:**

1. *Illi l-konvenuta ma tivvanta u ma ghandha effettivament ebda drittijiet ta' kull natura u xorta fuq il-proprjeta' numru 25, Triq Salv Portelli, San Lawrenz, Ghawdex.*

2. *Konsegwentement tiddikjara li d-dar bin-numru hamsa u ghoxrin (25) Triq Salv Portelli, San Lawrenz, Ghawdex tappartjeni kollha kemm hi lill-atturi bhala eredi ta' huhom Joseph Cauchi.*

*Bl-ispejjes u bl-inguzjoni tal-konvenuti ghas-subizzjoni."*

**Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenuta[2] illi eċċepiet:**

1. *Preliminarjament u fl-ewwel lok l-esponenti tirrileva illi r-rikors promotur huwa monk mill-elementi essenzjali kkontemplati fl-artiklu 158 tal-kap 16 tant li l-indirizz tal-intimata huwa erronjament indikat bhala 2, Valley Road Mellieha meta kellu jkun 22 Mons. Indri Fenech, Mellieha Malta, hekk kif facilment seta' jigi kkostatat mir-reġistru elettorali kif ukoll mid-diversi korrespondenzi li ġew skambjati bejn il-partijiet inklużi l-ittri uffiċjali li qed jigi hawn annessi u mmarkati Dok A u Dok B, rispettivament;*

2. *Preliminarjament u mingħajr preġudizzju għas-suespost l-intimata qed teċepixxi il-karenza tal-interess ġuridiku stante illi hija ma baqgħalha l-ebda ness ma' din il- propjetà stante li din ġiet trasferita lil Toni Debono u rigward dan l-atturi kienu lkoll ben avżati u għaldaqstant għandha tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju;*

3. *Preliminarjament u mingħajr pregudizzju ghas-suespost u ai termini tal-artiklu 730 tal-Kapitlu 12, il-kawza odjerna hija improponibbli stante li l-mertu ta' din il- kawza jikkostitwixxi res judicata bejn il-partijiet stante li l-pretensjonijiet taghhom jemanu mid-decujus Carmelo Cauchi u li per konsegwenza din il-Qorti Onorabbli għandha tiddeklina li tiehu konjizzjoni tar-rikors mahluf;*

4. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost fil-mertu it-talbiet huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjez kollha kontra r-rikorrenti;*

5. *Illi in oltre it-talbiet ma jistghux jirnexxu stante li t-talbiet ma jsegwux il-premessi u ma hux car x'tip ta' azzjoni ir-rikorrenti qed jittentaw fil-konfront tal-intimata;*

6. *Illi l-propjeta tappartjeni in kwantu ghas-sehem ta' nofs indiviz biss lir-rikorrenti aħwa Cauchi u ma jistgħux jippretendu kwalunkwe sehem iehor mil-istess propjetà;*

7. *Illi ai termini tal-artiklu 158 tal-Kap 12, l-intimata tirrileva is-segwenti:*

   a. *Illi l-premessi huma fil-fatt il-premessi, l-eccezzjonijiet tar-rikors guramentat numru 103/2006 u estratti mehuda mis-sentenza fl-atti tal-*

---

[2] Risposta guramentata a fol 73 sa 76.

*istess kawża tad-19 ta' April 2012, is-7 ta' Marzu 2014 u tas-27 ta' Settembru 2019, rispettivament liema estratti ma jirriflettux il-hsieb shih wara l-istess kawza u certament ma kellhomx jagħmlu parti mir-rikors maħluf u dan skond kif jiddetta l-artiklu 159(1) u (2) tal-Kap 12 u konsegwentement għandhom jithassru mir-rikors promotur.*

b. *Illi l-aħħar premessa qed tiġi kkontestata u dan in linja tal-eċċezzjonijiet fuq ssolevati kif ser jintwera aħjar tul andament tal-proċeduri.*

*Salv eccezzjonijiet ohra fil-fatt u fid-dritt, bl-ispejjez kollha kontra r-rikorrenti li huma minn issa ingunti in subizzjoni.*

**Fliet l-atti.**

**Rat** l-atti tal-proċeduri tar-rikors numru 103/2006 PC kif allegati ma' dawk ta' dawn il-proċeduri odjerni fl-interita' tagħhom sa' ma wasslu għall-appell deċiż nhar is-27 ta' Settembru, 2019.[3]

**Rat** in-nota tal-atturi tal-15 ta' Ġunju, 2023 mehmuż ma' liema hemm għad ta' dokumenti nkluż dawk relattivi għas-suċċessjoni tal-mibki Joseph Cauchi, hu l-atturi odjerni, u konvenut – xi drabi wkoll appellant jew appellat – fil-proċeduri numru 103/2006 PC, l-atti ta' liema huma allegati ma' dawk ta' din id-deċiżjoni odjerna.[4]

**Rat** id-dokumenti mehmuża mar-risposta ġuramentata tal-konvenuta *inter alia* l-att ta' donazzjoni rrevokabbli bejn il-konvenuta u żewġha Anthony sive Tony Debono tat-28 ta' Marzu, 2022 in atti Nutar Enzo Dimech li bih il-konvenuta trasferit a favur ta' żewġha *is-sehem taghha ta' nofs (1/2) indiviz mill-fond bin-numru hamsa u ghoxrin (25) li jinsab fi Triq Dun Salv Portelli, San Lawrenz, Ghawdex mibni fuq il-porzjon art maghrufa bhala plot numru hamsa u ghoxrin (25)* […] *Ghall-fini tal-Artikolu hamsa u sittin (65) tal-Att numru sbatax (XVII) tas-sena 1993, jigi dikjarat illi l-kwota tal-fond b'dan l-att donata giet mibnija fuq porzjon art akkwistata b'titolu ta' enfitewsi perpetwa mid-Donanti Rita Debono u Joseph Cauchi permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Ino Mario Grech tas-sittax (16) ta' Frar, 1996.*[5]

---

[3] It-talba ghall-allegazzjoni sehhet u giet milqugha fl-udjenza tal-21 ta' Frar, 2024 – verbal a fol 94.
[4] Nota a fol 53, dokumenti relattivi a fol 59 sa 71.
[5] Kopja awtentikata tal-att ta' donazzjoni a fol 79 sa 81.

**Rat** in-nota tal-atturi tal-21 ta' Novembru, 2023.[6]

**Rat** li fl-udjenza tat-23 ta' Novembru, 2023 il-kawża ġiet differita għal-provi tal-konvenuta dwar l-ewwel tlett eċċezzjonijiet preliminari tagħha.[7]

**Rat** li fl-udjenza tal-21 ta' Frar, 2024 il-partijiet ġew ordnati jressqu l-provi kollha dwar l-eċċezzjoni tas-*res judicata* bil-kawża ġiet differita għat-trattazzjoni dwar l-istess eċċezzjoni.[8]

**Rat** li fl-udjenza tal-4 ta' Ottubru, 2024 id-difensuri tal-partijiet ttrattaw l-eċċezzjoni preliminari tar-*res judicata* bil-kawża ġiet differita għal-lum għad-deċiżjoni *in parte* dwar l-istess eċċezzjoni preliminari.[9]

**Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża**, inkluż id-dokumenti esibiti u verbali kif ukoll it-traskrizzjonijiet tax-xhieda kollha u affidavits.

## B. Provi:

**Semgħat ix-xhieda bil-ġurament u rat dik magħmulha bil-proċedura tal-affidavit, ta':**

**Anthony sive Twanny Cauchi**, attur, xehed permezz ta' affidavit.[10]

Jiddikjara li huwa flimkien mal-atturi l-oħra jiġu ħut Joseph Cauchi li kien konvenut fil-proceduri numru 103/2006 fl-ismijiet *"Rita Debono vs Joseph Cauchi"* decizi definittivament mill-Qorti tal-Appell nahr is-27 ta' Settembru, 2019.

Jghid li huh Joseph Cauchi kien miet fil-mori tal-appell bil-gudizzju kien ghalhekk gie trasfuz f'ismu u isem hutu, l-atturi l-ohra odjerni.

Jiddikjara li mil-kawza numru 103/2006 jirrizulta bhala fatt li:

---

[6] Nota a fol 88 sa 90.
[7] Verbal a fol 91.
[8] Verbal a fol 94 u 95.
[9] Verbal mhux paginat.
[10] Affidavit a fol 54 sa 58.

i. B'kuntratt in atti Nutar Ino Mario Grech tas-16 ta' Frar, 1996 l-imsemmi Joseph Cauchi u l-konvenuta odjerna akkwistaw b'titolu ta' enfitewsi perpetwa minghand l-Awtorita' tad-Djar il-plot numru 25 tal-kejl ta' 174.25m.k. fi Triq Dun Salv Portelli, San Lawrenz, Ghawdex;
ii. L-gherusija ta' bejn il-mibki Joseph Cauchi u l-konvenuta thassret b'dawn irregolaw il-kwistjonijiet ta' bejniethom bi skrittura tat-2 ta' Gunju, 2003 permezz ta' liema l-konvenuta ddikjarat li hija ma' tivvanta ebda dritt ta' ebda xorta jew natura fuq il-fond li sadanittant kien inbena fuq il-plot numru 25 a spejjez unici tal-mibki Joseph Cauchi. Izid li billi sabiex isehh l-att pubbliku finali kien jinhtieg il-permess tal-Awtorita', l-istess konvenuta obbligat ruhha wkoll li sa mhux aktar tard minn xahar minn meta jinghata l-permess tal-Awtorita' tad-Djar tersaq ghall-att pubbliku finali li bih tassenja n-nofs indiviz tal-fond imsemmi u kull dritt iehor taghha fir-rigward a favur Joseph Cauchi;
iii. Effettivament dik l-iskrittura ghadha ma' gietx esegwita ghax kien ghad jonqos il-permess tal-Awtorita' tad-Djar;
iv. Fl-istess skrittura tat-2 ta' Gunju, 2003 hemm ipprovdut li Joseph Cauchi kellu jirrestitwixxi Lm16,000 lill-konvenuta kontestwalment mat-trasferiment tan-nofs indiviz tal-fond fuq imsemmi;
v. Minkejja li saret l-istess skrittura li suppost solviet il-problemi kollha, meta l-konvenuta giet mitluba taghti l-kunsens taghha mill-Awtorita' tad-Djar, hija rrifjutat li taghti l-istess bl-Awtorita' ma' setghetx tohrog ir-rilaxx ghat-trasferiment;
vi. Il-konvenuta bdiet tirrikatta billi talbet valur akbar minn dak dikjarat bhala dovut lilha fl-iskrittura tat-2 ta' Gunju, 2003 sabiex taghti l-kunsens taghha;
vii. Sussegwentement il-konvenuta odjerna mexxiet bi proceduri quddiem il-Qorti fejn talbet id-divizjoni tal-fond imsemmi u l-bejgh b'licitazzjoni tal-istess f'kaz li tali jirrizulta indivizibbli komodament. Talbet ukoll ir-restituzzjoni tal-Lm16,000.

Izid li wara tali proceduri mibdija mill-konvenuta odjerna, il-Qorti b'sentenza tat-28 ta' Gunju, 2011 ddecidiet li l-iskrittura tat-2 ta' Gunju, 2003 kien jonqosha kundizzjoni ta' natura fiskali sabiex tkun tista titqies bhala konvenju b'dan li cahdet l-ewwel zewg eccezzjonijiet tal-mibki huh Joseph Cauchi u halliet il-kawza ghal-kontinwazzjoni. Izid li huh Joseph Cauchi kien appella minn tali decizjoni.

Jiddikjara li b'sentenza tad-19 ta' April, 2021, il-Qorti tal-Appell qablet ma' huh Joseph Cauchi dwar l-ewwel zewg eccezzjonijiet tieghu b'dan li laqghat tali aggravju kif ukoll tali l-ewwel zewg eccezzjonijiet u baghtet l-atti lura lill-ewwel Qorti sabiex din tkompli b'decizjoni dwar it-talbiet atturi kompatibilment ma' dak deciz minnha.

Jghid li sussegwentement, b'decizjoni tas-7 ta' Maru, 2014, din il-Qorti kif diversament presjeduta ddecidiet billi cahdet it-talbiet atturi tal-konvenuta odjerna.

Izid li naturalment il-konvenuta odjerna – attrici fil-proceduri 103/06 – appellat minn tali decizjoni b'dan wassal ghad-decizjoni tal-Qorti tal-Appell tas-27 ta' Settembru, 2019 li biha gie michud l-appell tal-konvenuta odjerna u giet ikkonfermata d-decizjoni appellata – ossia dik tas-7 ta' Marzu, 2014.

Jiddikjara li konsegwentement hu u hutu bhala atturi odjerni werrieta ta' huhom Joseph Cauchi ma' kellhomx triq ohra ghajr li jigu b'din il-kawza odjerna sabiex jigi deciz li l-konvenuta ma' tivvanta u effettivament m'ghandha ebda drittijiet ta' ebda natura fuq il-proprjeta' numru 25, Triq Dun Salv Portelli, San Lawrenz, Ghawdex u sabiex l-istess proprjeta' tigi dikjarat bhala li tappartjeni unikament lilhom atturi odjerni *qua* eredi ta' huhom Joseph Cauchi.

**Rita Debono**, konvenuta, xehdet[11] li l-indirizz tagħha huwa kif minnha ndikat fir-risposta ġuramentata tagħha u ilu hekk għal xi 6 snin. Tgħid li l-atturi kienu jafu b'dan għax ġieli bagħtulha bil-Qorti f'tali indirizz.

[*F'dan l-istadju, l-avukat difensur tal-atturi talab korrezzjoni fl-indirizz tal-konvenuta kif jidher fir-rikors guramentat ghal kif jirrizulta fl-ewwel eccezzjoni preliminari taghha. B'rizultat ta' dan, il-konvenuta rtirat l-ewwel eccezzjoni taghha*].[12]

## C. Ikkunsidrat:

[11] Traskrizzjoni a fol 92 u 93.
[12] Ref.: il-verbal tal-udjenza tal-21 ta' Frar, 2024 a fol 94.

**Preliminari:**

Din id-deċiżjoni titratta biss l-eċċezzjoni numru tlieta (3) tal-konvenuta dwar ir-*res judicata*.

Tali eċċezzjoni taqra kif isegwi:

3. *Preliminarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost u ai termini tal-artikolu 730 tal-Kapitlu 12, il-kawza odjerna hija improponibbli stante li l-mertu ta' din il-kawza jikkostitwixxi res judicata bejn il-partijiet stante li l-pretensjonijiet taghhom jemanu mid-decujus Carmelo Cauchi u li per konsegwenza din il-Qorti Onorabbli ghandha tiddeklina li tiehu konjizzjoni tar-rikors mahluf.*[13]

**Ikkunsidrat:**

Illi f'din l-istanza l-konvenuta eċċepiet in linea preliminari l-ġudikat, u skont il-verbal ta' l-4 ta' Ottubru, 2024 il-kawża tħalliet għad-deċiżjoni fuq dan il-punt.

Dan huwa loġiku in kwantu kif sancit fl-Artikolu 730 tal-Kapitolu 12, Ligijiet ta' Malta; eċċezzjoni tar-*res judicata* għandha dejjem tiġi deċiża b'kap separat qabel, jew flimkien mas-sentenza fuq il-mertu.[14] Jekk dan ma jsirx, din l-ommissjoni ġġib magħha n-nullita' tas-sentenza.[15]

Magħdud dan, eċċezzjoni tal-ġudikat ma tinvolvi l-ebda kostituzzjoni ta' fatt iżda hi waħda ta' natura prettament ġuridika. Huwa mportanti pero', u għandu jinżamm dejjem in mira, illi l-prinċipji legali nvoluti jridu jinqraw mhux biss fl-isfond tal-ġurisprudenza stabbilita in materja, iżda fuq kollox unitament mal-fatti partikolari tal-każ taħt diskussjoni u tal-portata tad-deċiżjoni preċedenti. Fil-każ *de quo*, dik numru 103/2006 PC moghtija mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Settembru, 2019 bejn Rita Debono, hawn konvenuta u hemm f'dawk il-proċeduri attriċi u Joseph Cauchi kif sussegwentement mibdul bl-atturi odjerni ħutu li f'isimhom ġew trasfuzi l-atti wara l-mewt tiegħu.

[13] Citazz. Mir-risposta guramentata a fol 73 *et seq.*
[14] **730.** *L-eċċezzjoni ta' inkompetenza jew ta' illeġittimità ta' persuna, u l-eċċezzjonijiet ta' transazzjoni, arbitraġġ, res judicata, preskrizzjoni jew nullità ta' atti, għandhom jiġu deċiżi b'kapi għalihom, qabel, jew flimkien mas-sentenza fuq il-meritu.*
[15] Ref.: id-decizjoni moghtija mill-Qorti tal-Appelli Kummercjali nhar l-10 ta' Dicembru, 1954 fl-ismijiet ***Paolo Azzopardi vs Paolo Abela noe***.

Tajjeb li qabel kull kunsiderazzjoni oħra jiġi ribadit dak kaptat mid-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Appelli Kummercjali nhar il-5 ta' Novembru, 1934 fl-ismijiet ***Francesco Aquilina vs Neg. Giuseppe Gasan et***, fejn ġie ritenut:

> *L-'exceptio rei judicatae' ghandha bhala fundament il-fatt tal-interess pubbliku, u wkoll ghaliex 'interest rei publicae ut sit finis litium'. Sentenza li ghaddiet 'in giudicato', jigifieri li ma tista' tappella minnha izjed, hija mizmuma bhala tajba u sewwa u tal-haqq - 'res judicata pro veritate habetur' - jigifieri l-fundament tal-'actio' u tal-'exceptio judicati' hija preskrizzjoni legali, u ghalhekk hija 'strictissimae interpretationis'.*

B'dan fermament imnissel, huwa magħruf ukoll li l-elementi tal-eċċezzjoni tal-ġudikat huma li s-sentenza ta' qabel kienet mogħtija f'kawża bejn l-istess persuni fuq l-istess suġġett u għall-istess kawżali - *eadem personam, eadem res, eadem petendi* – bħal fil-kawża l-ġdida.[16]

Dawn l-elementi ġew ikkonfermati bħala rekwiżiti f'sensiela kostanti ta' deċiżjonijiet tal-Qrati nostrani nkluż dik diġa' iccitata *supra* mogħtija fl-ismijiet ***Francesca Aquilina vs Neg. Giuseppe Gasan et*** fejn ġie ulterjorment ribadit li:

> *L-elementi ta' l-eccezzjoni tal-gudikat huma li s-sentenza ta' qabel kienet moghtija f'kawza bejn l-istess persuni u fuq l-istess oggett u ghall-istess kawzali (eadem personae, eadem res, eadem causa petendi) bhal fil-kawza l-gdida, u li l-exceptio judicati ghandha bhala fondament taghha l-interess pubbliku, u hija ta' interpretazzjoni strettissima, u f'kaz ta' dubju, il-gudikant ghandu jaqta' kontra dik l-eccezzjoni.*[17]

Għandu jingħad illi dawn it-tliet elementi ossia; l-istess oġġett - *eadem res*, l-istess partijiet - *eadem personae*, u l-istess mertu - *eadem causa petendi* iridu jikkonkorru u, fin-nuqqas, ma jistax jingħad li l-ħaga hija l-istess b'dan li l-ġudikat ma jistax jissussisti - *nisi omnia concurrunt, alia res est*.

Huwa magħruf, kif joħrog ukoll mill-ġurisprudenza *ivi* ccitata, li l-eċċezzjoni tal-ġudikat għandha bħala sisien tagħha l-interess pubbliku u

---

[16] Ref.: *inter alia*, id-decizjoni moghtija mill-Qorti tal-Appell nhar il-5 ta' Ottubru, 1998 fl-ismijiet ***Joseph Camilleri vs Lilian Mallia***.
[17] Ref.: ukoll id-decizjoni moghtija mill-Qorti tal-Appell nhar l-20 ta' Ottubru, 1958 fl-ismijiet ***Carmelo Said et vs Nutar Dr Giuseppe Cauchi***.

hija maħsuba biex tħares iċ-ċertezza tal-jeddijiet li jkunu ġew definiti f'sentenza, tbiegħed il-possibilita' ta' deċiżjonijiet li jmorru kontra xulxin, u ttemm il-possibilita' ta' kwestjonijiet li jibqgħu miftuħa bi ħsara tal-jeddijiet stabbiliti bis-sentenza li tkun ingħatat.

Magħdud dan, minħabba fil-fatt li dik l-eċċezzjoni timmira li twaqqaf azzjoni li tkun altrimenti jistħoqqilha tiġi meqjusa minn Qorti; l-eċċezzjoni tal-ġudikat għandha tingħata interpretazzjoni dejqa, tant li, kif anke jitnissel mid-deċiżjoni diġa' succitata; f'każ ta' dubju, l-ġudikant għandu jaqta' kontra dik l-eċċezzjoni.[18]

Min-naħa l-oħra, dan il-prinċipju huwa mwieżen b'dak l-ieħor daqstant għaqli li, fejn kwistjoni tkun ġiet definita u trattata, s-sentenza ssir irrevokabbli jekk, wara li tiġi appellata jew ritrattata, tiġi konfermata jew, jekk ma tiġix appellata jew ritrattata fiż-żmien li tippreskrivi l-liġi.[19]

Dan il-prinċipju jissaħħaħ meta l-kwistjoni li dwarha tinfetaħ it-tieni kawża, jkun diġa' jeżisti filwaqt li tingħata s-sentenza fl-ewwel kawża.[20]

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

Stabbiliti dawn l-estremi, jrid jiġi eżaminat jekk fil-każ odjern jirrikorrux l-elementi kollha tal-eċċezzjoni kif pretiz mill-konvenuta.

Minn eżami tad-deċiżjoni numru 103/2006 PC tal-Qorti tal-Appell tas-27 ta' Settembru, 2019 u dawk li pprecedewha fl-istess proċeduri numru 103/2006 PC; jirriżulta ċar li l-istanza *de quo* qed issir bejn l-istess partijiet fl-ismijiet inversi, anke jekk il-konvenut oriġinali naqas fil-mori tal-aħħar appell fil-proċeduri numru 103/2006 PC stante li l-atti ġew trasfuzi minn fuq ismu għal fuq isem ħutu atturi odjerni. B'dan li huwa għalhekk sodisfatt l-element tal-*eadem personae*.

L-anqas ma jidher li hemm diffikulta' in kwantu jirrigwarda l-identita' tal-oġġett tal-kawża – *eadem res* –li kemm f'dawn il-proċeduri odjerni kif

[18] Ref.: ukoll, *inter alia,* id-decizjoni moghtija mill-Qorti tal-Appell nhar il-5 ta' Ottubru, 1998 fl-ismijiet ***J. Camilleri vs L. Mallia***.
[19] Ref.: id-decizjoni moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili nhar il-11 ta' Marzu, 1949 fl-ismijiet ***Cassar Parnis vs Soler*** - Kollez. Vol. XXXIII.ii.344.
[20] Ref.: id-decizjoni moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili nhar is-27 ta' Gunju, 1995 fl-ismijiet ***A.P. Farrugia noe vs T. Borg Reveille et***.

ukoll f'dawk li preċedewhom – ossia dawk numru 103/2006 PC – dejjem kien il-fond numru 25 fi Triq Dun Salv Portelli, San Lawrenz, Għawdex.

F'dan il-każ odjern anqas temani n-neċessita' ta' kunsiderazzjoni approfondita dwar il-ġurisprudenza li żviluppat madwar l-element ta' l-identita' tal-oġġett fejn ġie konsistentement affermat illi hemm lok għall-eċċezzjoni tal-ġudikat anke meta l-mertu tal-każ, għalkemm distint minn dak tal-kawża ta' qabel, jifforma parti mill-istess ħaġa jekk il-punt kontrovers ikun l-istess,[21] u li m'hemmx bżonn li l-identita' tal-oġġett tkun assoluta, basta li jkun hemm l-identita' fuq il-punt kontrovers, jew l-oġġett fit-tieni ċitazzjoni jkun jidħol bħala parti integrali tal-oġġett aktar ampju dedott fl-ewwel ċitazzjoni[22] li jfisser li l-atturi ma jkunux jistgħu permezz ta' kawża oħra jiftħu t-trattazzjoni tal-istess punti fl-istess kwistjoni li gja ġew diskussi f'kawża deċiża b'sentenza li gja għaddiet f'ġudikat.[23] Dan stante li fil-każ *de quo* l-oġġett huwa indubbjament l-istess.

B'dan iżda jwassal għal-estrem li jmiss ossia dak tar-*ratio petendi* ossia l-mertu – *eadem causa petendi* – li dwaru biss tirriżulta li tista' tkun il-kwistjoni tal-llum fil-każ odjern.

Fid-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Appell nhar is-7 ta' Marzu, 1958 fl-ismijiet ***Caterina Gerada vs Avukat Dr. Antonio Caruana***, ġie nsenjat illi:

> *Sakemm ma jkunx hemm ebda decizjoni fuq il-vera kwistjoni kontroversa, u dik il-kwistjoni ma tkunx giet prekluza minn ebda decizjoni definittiva moghtija fil-gudizzju, l-istess kwistjoni tibqa' mhux deciza, u ma jistax mill-parti l-ohra jinghad li ghad-decizjoni josta l-gudikat.*

F'din l-istess deċiżjoni hawn l-dahar iccitata ssokta jiġi rilevat illi:

> *L-eccezzjoni tal-gudikat ghandha tigi ammessa b'cirkospezzjoni kbira; u dan aktar w aktar meta dik l-eccezzjoni jkollha l-effett li teskludi xi dritt, bhal meta si tratta minn incident processwali li jqum fil-kors tal-gudizzju, fejn ma jistax ikun hemm dak li jissejjah gudikat implicitu. Biex ikun hemm lok ghall-eccezzjoni tal-gudikat, hemm bzonn li l-kwistjoni tkun giet*

[21] Ref.: id-decizjoni moghtija mill-Qorti tal-Appelli Kummercjali nhar il-5 ta' Ottubru, 1992 fl-ismijiet ***Dr. Jose` Herrera nomine vs Anthony Cassar et nomine***.
[22] Ref.: id-decizjoni moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili nhar it-28 ta' Frar, 1946 fl-ismijiet ***Antonio Abela vs Giuseppe Fenech***.
[23] Ref.: id-decizjoni moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili nhar is-6 ta' Marzu, 1946 fl-ismijiet ***P.L. Roberto Tabone noe vs Joseph Cannataci***.

*'effettivament' deciza bis-sentenza ta' qabel, u mhux biss li setghet tigi deciza.*

Trasportati dawn il-prinċipji għal każ in kunsiderazzjoni, jidher bil-wisq evidenti illi l-punt kontrovers – il-mertu ossia *eadem causa petendi* – huwa divers.

Dwar dan il-punt, nqalgħu għadd ta' diffikultajiet matul iż-żmien dwar it-tifsira xierqa li jmissha tingħata lill-frażi l-"istess kawzali" – *eadem causa petendi* u l-iżjed dwar kemm għandha titwessa' t-tifsira tal-identita' bejn dak li jkun ġie deċiż u dak li jkun qiegħed jintalab fit-tieni kawża.

Din il-Qorti fittxet l-għejun ta' dritt li minnhom emanit id-duttrina tal-ġudikat f'dan ir-rigward, b'mod partikolari dak li jgħallmu l-awturi Aubry, Rau u Laurent.

M'huwiex għalxejn li l-liġi tipprovdi li s-sentenza għandha tkun motivata u li jingħataw ir-raġunijiet li fuqhom il-Qorti tkun sejħet id-deċiżjoni tagħha. Huwa minħabba dawk ir-raġunijiet, li wieħed jista' jifhem x'ikun wassal lill-Qorti taqta' kawża kif fil-fatt tkun qatgħetha.

Huwa għalhekk li jingħad li d-dispozittiv ta' sentenza m'għandux jittieħed separatament mill-motivat, imma għandu jiġi minn dan definit u spjegat.

Dan it-tagħlim ġie mfisser u mtenni b'mod ċar ħafna fid-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Appell nhar is-26 ta' Mejju 1967 fl-ismijiet ***Grima vs Fava et*** li għaliha u r-rassenja ta' ġurisprudenza msemmija fiha ssir riferenza ampja.

Fil-każ in mertu, it-talba odjerna hija kjarament għal-dikjarazzjoni li l-konvenuta ma' tivvanta u effettivament m'għandha ebda dritt ta' ebda natura u xorta fuq il-proprjeta' numru 25, Triq Salv Portelli, San Lawrenz, Għawdex.

Il-proċeduri li pprecedew din il-kawża odjerna, dawk numru 103/2006 PC kienu, da parti tagħhom, jitattaw talba għal ordni ta' diviżjoni jew bejgħ bil-licitazzjoni tal-istess proprjeta' kif ukoll talba għar-rifużjoni ta' valur monetarju li l-konvenuta odjerna għoddha titlob mingħand l-awtur tal-atturi odjerni.

Huwa minnu li tul l-proċeduri numru 103/2006 PC issemma wkoll il-jedd tal-konvenuta odjerna fil-proprjeta' in mertu u saħansitra saru kunsiderazzjonijiet u dikjarazzjonijiet dwar l-istess f'kull fażi tal-imsemmija proċeduri.

B'dan iżda li ebda deċiżjoni li ttieħdet mill-Qrati nostrani tul il-proċeduri numru 103/2006 PC ma' effettivament iddeċidiet il-punt li dwaru qiegħda tintalab deċiżjoni f'dawn il-proċeduri odjerni.

Infatti:

i. l-ewwel decizjoni li inghatat fil-proceduri 103/2006 PC, dik tat-28 ta' Gunju, 2011, cahdet biss l-ewwel zewg eccezzjonijiet ta' l-awtur ta' l-atturi odjerni – Joseph Cauchi – f'dik l-istanza konvenut, b'dan li xejnet biss il-validita' ta' skrittura tat-2 ta' Gunju, 2003 li kienu dahlu fiha l-istess Joseph Cauchi u l-konvenuta odjerna, hemm f'dawk il-proceduri attrici;

ii. it-tieni decizjoni li inghatat fl-istess proceduri 103/2006 PC, ossia dik moghtija mill-Qorti tal-Appell nhar id-19 ta' April, 2012 ma' qablitx mal-konkluzjoni tal-ewwel decizjoni li pprecedieta u minflok laqghet l-ewwel zewg eccezzjonijiet tal-hemm konvenut Joseph Cauchi – hawn rapprezentat mill-atturi odjerni li assumew l-atti floku –u ghaddiet ghalhekk l-atti tal-kawza lura lill-ewwel Qorti ghal-decizjoni fil-mertu;

iii. it-tielet decizjoni mehuda mil-Qorti tal-Magistrati wara l-appell tad-19 ta' April, 2012 fis-7 ta' Marzu, 2014 ghaddiet sabiex cahdet it-talbiet kollha tal-hemm attrici, hawn konvenuta, b'dan li ghalhekk la ordnat id-divizjoni jew il-bjegh in licitazzjoni u anqas ordnat ir-rifuzjoni tal-valur mitlub mill-hawn konvenuta minghand Joseph Cauchi, b'dan li minkejja li ccitat lid-decizjoni tal-appell fejn din tkelmet dwar in-nuqqas tal-hawn konvenuta fil-possibilita' li tivvanta xi drittijiet ta' kwalunkwe' natura fuq il-proprjeta' in mertu; ma' tat ebda decizjoni dwar dan, u;

iv. ir-raba' u l-ahhar decizjoni moghtija fil-process numru 103/2006 PC mill-Qorti tal-Appell nhar is-27 ta' Settembru, 2019

sempliciment ikkonfermat id-decizjoni tal-Qorti tal-Magistrati tas-7 ta' Marzu, 2014.

Huwa għalhekk ċar li l-pern tad-deċiżjonijiet kollha hawn elenkati kif mogħtija mill-Qorti tal-Magistrati ta' Għawdex fil-Ġurisdizzjoni Superjuri tagħha u mill-Qorti tal-Appell fil-proċeduri numru 103/2006 PC kien distint minn dak li huwa mitlub f'dawn il-proċeduri odjerni billi kien biss jittratta talba għad-diviżjoni jew bejgħ bil-licitazzjoni tal-proprjeta' in mertu u għar-rimbors ta' ammont monetarju, mingħajr xejn ma' ġie deċiż – għalkemm ġie kkunsidrat – dwar il-jeddijiet tal-hawn konvenuta u hemm attriċi fl-istess proprjeta' in mertu.

Huwa għalhekk li din il-Qorti ma' tistax għajr li ssib li fin-nuqqas ta' konkorrenza ta' wieħed mill-elementi rikjesti sabiex tirnexxi l-eċċezzjoni tar-*res judicata* u fid-dawl tal-insenjament kostanti li dwar l-istess eċċezzjoni Qorti għandha tkun kawta u għandha tħaddan interpretazzjoni restrittiva; ma' tistax issib favur l-istess u ser tgħaddi sabiex tiċħad tali eċċezzjoni.

**Decide:**

Għaldaqstant, in vista tal-premess u għar-raġunijiet kollha hawn fuq espressi, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad it-tielet eċċezzjoni tal-konvenuta dwar ir-*res judicata*.

Bl-ispejjeż ta din id-deċiżjoni jibqgħu riservati għall-ġudizzju finali.

(ft) Dr. Brigitte Sultana
Maġistrat

(ft) Jenna Mizzi
D/Registratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur